KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 405 (8-33)

It-Tnejn 15 ta' Marzu 2021 fil-5.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' online (skond Direttiva 7/2020).

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Adrian Farrugia (daħal fil-5.30pm)
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**405.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**405.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduti 403i, 403ii u 404. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**405.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma tqajjmux punti mill-Minuti.

**405.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**405.3.1** Is-Sindku qal li minħabba iktar miżuri li ġew imħabbra mid-Dipartiment tas-Saħħa biex titrażżan it-tixrid tal-pandemija operattivi mill-11 ta' Marzu 2021, l-attivitajiet pjanati ta' Jum is-Siġġiewi kellhom jiġu ristretti. Is-Sindku qal li l-Ħadd li għadda saret il-quddiesa ta' ringrazzjament kif pjanat. Huwa qal li s-Serata ser tiġi posposta għal data aktar 'il quddiem. Huwa qal li jekk is-sitwazzjoni tippermetti tkun tista' ssir lejn Ġunju qrib il-Festa u qabel is-Sajf.

**405.3.2** Is-Sindku qal li l-attivita' ambjentali ser issir kif pjanata iżda bir-restrizzjonijiet. Huwa qal li ġġew identifikati żoni fejn diġa ġew ippreparati biex isir it-taħwil fihom nhar is-Sibt 20 ta' Marzu 2021 għad-9.00am. Huwa qal li din l-attivita' ser issir bil-kollaborazzjoni ta' żewġ kunsilliera mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żebbuġ li anka ser jiprovdu numru ta' siġar. Barra dawn il-Kunsill talab numru ta' siġar u arbuxelli minn Ambjent Malta. L-attivita' ser issir bil-prekawzjonijiet kollha u b'attendenza limitata. Huwa talab is-sehem tal-Kunsilliera u anka biex possibilment jiġu identifikati postijiet oħra fejn jista' jsir taħwil biex ikomplu jiżdiedu s-siġar fil-lokalita'.

**405.3.3** Is-Sindku qal li l-attivita' sportiva ġiet ikkanċellata. Huwa qal li il-programm Achievers ġie pospost ukoll għal Ġunju 2021.

**405.3.4** Is-Sindku infurma li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv saret laqgħa onsite mal-perit inkarigat mill-Proġett Komunitarju li ser jitnieda minn The Malta Foundation for the Wellbeing of Society. Huwa qal li ġew iċċarati xi punti li kienu tqajmu fl-aħħar laqgħa magħhom dwar is-suġġett specjalment kif ser ikun iffinanzjat. Ġie ċċarat ukoll li x-xogħol ta' Perit u anka l-implimentazzjoni ser issir minnhom, filwaqt li l-manutenzjoni tkun f'idejn il-Kunsill kif imniżżel fil-ftehim iffirmat. Is-Sindku qal li għandna nirċievu l-proposti u drawings tal-proġett biex jitressqu quddiem il-Kunsill għall-evalwazzjoni u l-emendi neċessarji.

**405.3.5** Is-Sindku informa li l-Aġenzija LESA ħabbret skema għall-Proġetti fil-Komunitajiet. L-iskema tkopri 80% tal-finanzjament u 20% mill-fondi lokali. Il-proġett għandi jkun wieħed innovattiv f'wieħed minn dawn il-kriteji: ambjentali, trasport alternattiv u iktar nadif, infrastruttura moderna, sigurta'jew wirt lokali. Id-data tal-għeluq għall-applikazzjoni hija t-30 t'April 2021.

**405.3.6** Is-Sindku qal li kellu laqgħa mac-CEO tas-servizzi.gov dwar proġett ta' *remote working spaces* fil-lokalitajiet. Huwa qal li diġa twaqqfu numri ta' ċentri li joffru dan il-proġett pilota f'diversi lokalitajiet b'koordinament mal-Kunsilli Lokali. Huwa qal li ġie propost l-uffiċċju tas-servizzi soċjali fiċ-ċentru ċiviku. Dan il-proġett jinkorpora fih diversi servizzi bħal Jobsplus, assistenza dwar taxxa, sigurta' soċjali u servizzi oħra. Huwa qal li l-ispejjeż kollha biex isir dan l-arranġament tkun koperta mid-Dipartiment konċernat.

Il-Kunsillier Adrian Farrugia daħal għal laqgħa fil-5.30pm.

**405.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**405.5** **Tismija u Numerar ta' Toroq**

Is-Sindku qal li l-Kumitat għat-Tismija ta' toroq fi ħdan l-Uffiċċju Elettorali qed jitlob li mill-iktar fis jiġu proposti l-ismijiet għal fergħat tat-toroq biswit Triq Ramija kif spjegat f'Seduti preċedenti. Is-Sindku qal li fiċ-ċirkostanzi preżenti mhux possibbli li ssir konsultazzjoni pubblika. Huwa qal li għandu jintbagħat komunikat tal-proposti lir-residenti għal feedback sa data stabbilita. Is-Sindku elenka ismijiet proposti għat-tismija ta' toroq li huma Ġeraldu Vella, Nikola Mangion, Donia Baldacchino, u Grezzju Pace u talab lill-Kunsilliera biex jekk hemm xi proposti għal ismijiet oħra jgħadduhom lis-Segretarju Eżekuttiv mill-iktar fis.

**405.6** **Aġġornament dwar il-Mixgħela tas-Salib tal-Għolja 2021**

Is-Sindku qal li minħabba restrizzjonijiet fuq attivitajiet pubbliċi, l-attivita' kif proposta li jkun hemm rotta biex dak li jkun isewgi l-mixgħela mill-vettura mhix ser issir. Qed jiġi propost li l-attivita' xorta ssir bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet biex tinħoloq atmosfera tal-ġimgħa mqaddsa u titgawda xorta mill-pubbliku. Is-Sindku qal li ġew mistiedna it-tlett għaqdiet li s-soltu jipparteċipaw fl-attivita'; il-Każin Banda San Nikola, il-Grupp tal-Armar u l-Brass band, iżda ir-rappreżentant tal-Brass Band bagħat fl-aħħar mument li ma setax jattendi. Is-Sindku qal li għandu jkun hemm kuntatt mal-għaqda biex naraw jekk humiex interessati jipparteċipaw. . L-attivita' ser issir mingħajr ħafna pubbliċita' biex jiġi evitat ġemgħat ta' nies. Saret laqgħa wkoll mal-Ispettur tal-Pulizija biex ikun hemm kontroll ta' nies. Is-Sindku qal li l-finanzjament għandu jkun limitat għal €500 kull għaqda. Fil-laqgħa sar qbil li l-Għaqda Banda San Nikola tieħu ħsieb il-fjakkolata mat-telgħa tas-Salib tal-Għolja filwaqt li l-Grupp tal-Armar tieħu ħsieb it-tiżjin fil-portiku u l-mixgħela fuq iz-zuntier.

Is-Sindku qal li talbiet għall-armar ta' kiosks u posti tal-ikel għandhom jiġu rifjutati. It-traffiku mhux serr jiġi affetwat.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia saqsiet kif saret din id-deċiżjoni qabel ġie infurmat il-Kunsill. Is-Sindku qal li fiċ-ċirkostanzi kellha tittieħed deċiżjoni minħabba r-restrizzjoni taż-żmien. Huwa qal li qed iressaq id-dettalji għall-informazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-proposta li l-għaqdiet parteċipi jingħataw dak l-ammont ġie deċiż wara konsultazzjonai mas-Segretarju Eżekuttiv anka fid-dawl li din is-sena ma hemm l-ebda finanzjament mill-ebda skema għal din l-attivita'.

**405.7**

**Proposta għal proġett ta' restawr tal-istatwi mat-telgħa tas-Salib tal-Għolja**

Is-Sindku qal li l-Kunsill dejjem kellu għal qalbu il-wirt kulturali. Fid-dawl li l-attivita' tal-mixgħela ser isir b'limitazzoni, qed jipproponi li l-flus jiġu investiti fi proġett li jitgawda fit-tul billi jiġu restawrati l-istatwi mat-telgħa tas-Salib tal-Għolja. Is-Sindku qal li dawn huma uniċi u li qabel kien isir manutenzjoni mill-Għaqda Wirt is-Siġġiewi iżda għal dawn l-aħħar snin jinsabu mitluqa. Is-Sindku qal li qed tinġieb stima għal dan ix-xogħol u li l-Kunsill jista japplika għal fondi taħt diversi skemi fosthom li ssemmiet qabel l-iskema Proġetti fil-Komunitajiet tal-LESA.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li qabel restawr sekondarju għandu jsir enfażi fuq il-Kappella tas-Salib tal-Għolja li qegħda fi stat ta' periklu. Hija qalet li l-Kunaill għandu japplika għal fondi tal-Lesa anka peress li r-riċerka diġa saret u hemm bżonn ammont kbir ta' fondi.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kappella tal-lkunzjata qed isegwuwha l-Kurja u fil-preżent qed isir monitoring. Hija qalet li mill-aħħar komunikat mill-Kurja l-ewwel stadju diġa sar u t-tieni fażi hija programmata għal April ta' din is-sena. Hija qalet li mhux każ li jkun hemm fondi u tiġi restawrata. Is-Sindku qal li kien hemm laqgħa is-sena l-oħra dwar dan fejn ingħatat sġjega dettaljata minn naħa tal-Kurja.

Il-Kunsilliera Francine farrugia qalet li għandu jkun hemm applikazzjoni għall-fondi allokati għal kappella bħala prijorita ħalli sakemm tiġi proċessata l-applikazzjoni jkunu laħqu saru l-istudji. Hija qalet li ma tneħħi xejn mill-mertu tar-restawr tal-istatwi.

**405.8**

**Aġġornament dwar proġetti tal-Kunsill**

**405.8.1**

**Proġett Reading Garden fi Triq Mons Mikiel Azzopardi**

Is-Sindku ta aġġornament fuq il-każ li hemm il-Qorti minn terzi kontra l-Awtorita' tal-Artijiet fejn hu ġie imsejjaħ jixhed bħala Sindku. Hu qal f'laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Avukat tal-Kunsill, mal-Perit tal-Kunsill u anka mal-Kunsillier Julian Borg rigward it-talba tas-Sri. Cutajar biex jibnu huma turning circle minħabba flooding li jbagħtu minnu fix-xhur tax-xitwa. Huwa qal li dan jinvolvi li tittieħed biċċa art pubblika minn privat. Qal ukoll li l-passaġġ li qed jipproponu li jittieħed huwa art pubbika li jservi għal bdiewa li jgħaddu għar-raba' fil-qrib.

Is-Sindku qal li tela darbtejn il-Qorti jagħti l-pożizzjoni tal-Kunsill. huwa qal li filwaqt li jaqbel li jkun hemm soluzzjoni għall-problema tal-individwi, l-art m'għandhiex tingħata lil terzi.

Is-Sindku talab lill-Kunsillier Julian Borg jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-każ. Il-Kunsillier Borg qal li bl-emendi tal-Perit jista jinstab mod faċli tinstab soluzzjoni għal problema tat-turning circle. Rigward il-problema tal-għargħar hija deċizjoni tal-Kunsill jekk hux ser isolviha l-Kunsill jew l-individwu. Jekk ser jagħmel ix-xogħol il-Kunsill u jżomm l-art b'committment li l-problema tiġi tackled b'perjodu jew li l-art tiġi fil-pussess ta' terzi u jgħamlu x-xogħol huma. L-avukat m'hux favorevoli għat-tieni opzjoni.

Is-Sindku qal li l-kunsill għamel talba sabiex din l-art tkun tista tiġi żviluppata għal ġid pubbliku u għandna nassumu r-responsabilta tat-turning circle, bil-premessa li l-issue tal-għarghar tiġi indirizzata. Is-Sindku qal li għamel site visit wara l-maptemp u jista jikkonferma li l-problema hija fil-fatt kbira.

Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill jaqbel nistgħu ninnotifikaw lit-tribunal u jsir kompromess mal-individwu.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li jekk huwa każ ta' urġenza il-Kunsill għandu jieħu committment sa meta se jitlestew x-xogħolijiet u mhux iħalli lir-residenti fi stat ħazin tal-ambjent tal-madwar. Il-Kunsill għandu jikkunsidra li jagħmel interventi biex issolvi l-problema tal-ilmijiet anke għaliex proċess ta procurement tal-proġett kollu jieħu żmien. Għaldaqstant għandhom jiġu kkunsidrati possibilitajiet biex il-Kunsill jgħin primarjament, f' xogħolijiet bil-kuntratturi eżistenti jekk l-art tgħaddi mill-Lands għand il-Kunsill Lokali u b'committment ta' żmien stabbilit. Dan sabiexi r-residenti ma jitħallewx żmien twil isofru minn ambjent skomdu u mhux xieraq biex jaċċessaw d-dar tagħhom. Fl-istess waqt ikun inbeda wkoll l-proċess biex isir l-proġett kollu aktar tard u skont proċeduri ta' procurement.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li minħabba d-dewmien kif issemma, jissuġġerixxi li ix-xogħol jinqasam f'biċċiet bil-kuntratturi eżistenti u mhux bħala proċess sħiħ.

Il-Kunsill qabel li tinżamm din il-pożizzjoni.

**405.8.2 Tender Miżura 4**

Is-Sindku qal li ġie ppublikat it-tender 'Implementing Green Infrastructure at San Niklaw taħt il-Miżura 4 u jagħlaq fit-23 t'April 2021. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni bil-formazzjoni kif ġej: mis-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit u Julian Borg u s-Segretarju Eżekuttiv.

**405.8.3 Proġett Triq Salvu Borg Olivier**

Is-Sindku qal li saret laqgħa fuq il-post bejnu, u l-Kunsilliera Julian Borg u Francine Farrugia mal-Perit tal-Kunsill biex isiru l-emendi neċessarji biex il-proġett jiġi 'family park' flok 'dog park' u tinkludi wkoll proġett edukattiv 'traffic simulation' li għaliha nistgħu napplikaw għal fondi taħt l-iskema SPI.SCI.2.2021.Finanzjament għal żvillup u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-Kunsilliera Farrugia qalet li qed tistenna l-BOQ mingħand il-Perit biex tiproċedi bl-applikazzjoni.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li ġiet diskussa wkoll l-issue ta' parking biex possibilment ma jintilifx spazju. Il-Kunsilliera Francine Farrugia proponiet timed parking għal viżitaturi tal-park. Il-Kunsillier Borg qal li timed parking jista joħloq iktar problema lir-residenti. Is-Sindku qal li il-proġett propost jinkludi allokazzjoni għal parkeġġ biex jintrebaħ kemm jista jkun spazju.

Il-Kunsilliera Francine farrugia qalet b'referenza għal problema ta' parkeġġ fl-area li qed ikun hemm vetturi pparkjati fuq il-bankina quddiem ħanut fl-istess Triq kantuniera ma' Triq Mons. Mikiel Azzopardi li mhux biss qed joħolqu ħsara fil-bankina u t-tappiera iżda anka periklu. Hija ssuġġeriet li titwaħħal tabella biex ma jipparkjawx vetturi fuq il-bankina.

**405.8.4 Tender LCS7/19 Cleaning and Attendance of Public Conveniences**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rakkomandazzjoni tal-bord biex tintagħżel l-offerta ta' Sandro Caruana peress li hija l-iktar waħda vantaġġjuża.

Il-Kunsill laqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord.

**405.8.5 Tender LCS34/2020 – Cleaning and Clearing of Surfaced and Non-Surfaced Non Urban Areas**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tender qiegħed fil-proċess ta' evalwazzjoni. Hija qalet li filwaqt li intefgħu 7 offerti, hemm 5 offerti li huma l-istess valur. Dan il-valur huwa l-iktar baxx mit-tmien offerti. Għalhekk, skond il-proċedura, ser jintalab skond lil dawn il-5 offerenti, u b'hekk tkun tista titkompla l-evalwazzjoni.

**405.9** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**405.9.1** PA534/19 – Il-Kunsillier julian Borg qal li ġew sottomessi pjanti ġodda b'minor alterations. Huwa qal li l-PA qed jitolbu Environmental Impact assessment report u ġie sottomess traffic Impact Assessment report. Huwa qal li l-Kunsill għandu jitlob kopja tar-rapport.

**405.9.2** PA09/21 – il-Kunsillier Julian Borg qal li kien hemm mistoqsija jekk hix ħa tinqabeż il-building heights, u l-perit ikkonferma li mhux ser jinqabżu l-building height.

**405.9.3** PA7291/20 - Il-Kunsill qal li ġie ċċekjat x'impatt ser ikun hemm. Filfatt ser jitneħħa xi bini u pjanċi dilapidati u jergħu isiru fuq l-istess footprint.

**405.10** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**405.10.1** **Presidenti Kunsilli Skolastiċi 2021-2022**

Il-Kunsilliera Francine Farrugia rreferiet għall-korrispondenza Mill-Ministeru għall-Edukazzjoni bis-suġġett, sabiex il-Kunsilli Lokali jinnominaw persuna biex tiġi kkunsidrata biex tingħata il-ħatra ta' president tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola primarja tal-lokalita'. Hija qalet li bħala Kunsilliera responsabbli mill-edukazzjoni fi ħdan il-Kunsill hija interessata li tiġi innominata mill-Kunsill. Il-Kunsillier Julian Borg qal li hija ħaġa pożittiva li fil-Kunsill Skolastiku ikun hemm rappreżentanza tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku staqsa jekk hemm xi ħadd irid iressaq xi isem ieħor għan-nominazzjoni. Ma kien hemm l-ebda nominazzjoni oħra. Is-Sindku qal li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li tiġi nominata l-Kunsilliera Francine Farrugia u rringrazzjaha tal-interess.

Il-Kunsill qabel unanimament li jinnomina lill-Kunsilliera Francine Farrugia.

**405.10.2** **Skema ta' Għajnuna għal-Libreriji fir-Reġjun 2021**

Il-Kunsilliera Francine Farrugia rreferiet għall-korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar dwar Skema ta' Għajuna għal Libreriji fir-Reġjun 2021. L-iskema hija ta' €500. Hija qalet li kkomunikat mal-librara u anka mal-Kap tal-iskola għal titjib li hemm bżonn fil-librerija. Hija qalet li żaret il-post u jidher li hemm ħsarat konsiderevoli fl-ixkaffar anka minħabba problema ta' ilmijiet. Il-Kunsilliera Farrugia qabel li l-iskola ser jieħdu ħsieb jirranġaw l-aperturi biex ma jidħolx ilma, filwaqt li għamlet kuntatt mad-Dipartiment tal-libreriji għal xi manutenzjoni oħra li tista ssir. Hija proponiet li jinbidlu l-ixkafef għal oħrajn aħjar u b'diżinn iktar modern. F'dan l-istadju għandhom jinġiebu stimi biex ammont jiġi kopert minn din l-iskema filwaqt li l-bilanċ jiġi finanzjat mid-Dipartiment tal-Libreriji u mill-Kunsill.

**405.11** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**405.12** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**405.13** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**405.13.1** Il-Kunsillier Adrian farrugia staqra dwar disabled bay fi Triq in-Nirien. Is-Segretarja gwidatu biex jinforma lir-resident jikkuntattja l-Uffiċċju ħalli jiġi assistit.

**405.13.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia reġgħet semmit il-kisi ħażin ta' trinkar tal-WSC. Hija qalet li għalkemm ġew irrapurtati diversi drabi u anka jerġgħu jitranġaw, ix-xogħol huwa sub standard ħafna u jerġa jinqala.

**405.14** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fis-6.50 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 12 t'April 2021 fil-5.15 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

.
Konfermati, illum 15 ta' Frar 2021

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv